# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 23 ta' Marzu 2023**

**Appell numru 175/2019**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Sandro MIFSUD**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Mejju 2019 fil-konfront ta' Sandro MIFSUD (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 199673M) li ġie mixli talli nhar is-17 ta' Ġunju 2009 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, u f'dawn il-Gżejjer:

i) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornita lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita' leġittima, daħħal jew ipprova jdaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond dan l-Att jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dak barra mill-ħabs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) U wkoll talli b'hekk sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, 33A u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat appellant mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tal-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u lliberatu minnhom iżda wkoll sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija effettiva. Il-Qorti ordnat ukoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema spejjeż kellhhom jitħalsu fi żmien sena mid-data tas-sentenza u b'dan li jekk huwa kien jonqos illi jagħmel dan fiż-żmien preskritt, il-bilanċ jiġi konvertit fi priġunerija skont il-Liġi. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi MIFSUD appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tikkonferma l-parti liberatorja tas-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel akkuża u tal-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikou 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma

s-sentenza appellata, sabiex tiġi imposta piena iktar ekwa għall-każ odjern u dan wara li stqarr is-segwenti:

(i) Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u interpretazzjoni ħażina tal-Liġi meta rreferiet għall-atti proċesswali. Mix-xhieda mogħtija mill-Maġġur James Abela fit-12 ta' Frar 2016 huwa stess jistqarr illi dak il-ħin illi saret is-search fiċ-ċella numru 1 kien hemm priġunier ieħor fiċ-ċella tal-appellant. Il-Maġġur lanqas ma kien f'pożizzjoni li jidentifika wkollil-post preċiż fejn instab il-pakkett suspettuż u lanqas biss seta' jirreferi għan-notamenti tiegħu għaliex qal li l-file kien ġie nieqes. Ix-xhud reġa' kkonferma dan kollu fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju 2018 fejn saħansitra reġa' speċifika illi l-appellant lanqas biss kien preżenti fiċ-ċella fejn kien instab il-pakkett suspettuż u li seta' kien hemm priġunier ieħor għaliex il-bibien taċ-ċellel jibqgħu miftuħin. Dan ifisser li kwalunkwe priġunier ieħor mill-istess Division seta' faċilment jaċċedi għaċ-ċella tal-appellant u jagħmel użu minn kwalunkwe oġġett li seta' kellu f'idu waqt li kien hemm. B'dana ma jfissirx li jekk instab pakkett suspettuż, dan jista' jiġi attribwit lill-appellant sempliċement għaliex huwa kien jokkupa ċ-ċella. Dan jindika li l-każ kontra l-appellant huwa bbażat fuq diversi mankanzi u kontraddizzjonijiet liema kontraddizzjonijiet ilkoll jindikaw kemm il-każ odjern mhuwhiex ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;

(ii) Illi mingħajr preġudizzju, fuq talba tal-appellant magħmula nhar l-10 ta' Mejju 2017, nhar il-25 ta' Ottubru 2017, ġew annessi l-atti tal-kawża fl-ismijiet Pulizija vs. Alexander Whiteford. Dawn l-atti jevedenzjaw kemm huwa minnu li dakinhar tas-search li saret f'Division 13, l-Uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kellhom sejba oħra li kienet simili għal dik li kien hemm fiċ-ċella numru 1 okkupata mill-appellant. Dan qiegħed jingħad għaliex fiċ-ċella ta' Alexander Whiteford ukoll kienu nstabu biċċiet tal-foil maħruqa liema biċċiet ta' foil ukoll kienu ngħataw lill-Maġġur James Abela. Il-Prosekuzzjoni kien imissha ppreżentat il-borża li fiha ġew issiġġilati l-biċċiet tal-foil li nstabu fiċ-ċella tal-appellant sabiex jiġi żgurat li l-biċċiet tal-foil verament jappartjenu għall-każ odjern u mhux għal sejba oħra li saret dakinhar stess;

(iii) B'żieda ma' dak premess, jingħand li l-Uffiċjali CO 58 u CO 110 jallegaw illi dakinhar tat-tfittxija sabu lill-appellant b'biċċa foil maħruqa f'idejh pero' mir-relazzjoni ppreżentata mill-Ispiżjar Mario Mifsud, l-espert tal-Qorti jirreferi għal biċċiet tal-foil u mhux biċċa foil. Meta mbagħad jixhed il-Maġġiur James Abela, dan il-foil ma jissemma' mkien u dan nonostante l-fatt li l-borża ssiġġilata bil-foil ġiet mgħoddija lilu. Li hu ċert li l-verżjonijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jikkorraborawx la bejniethom u lanqas ma' dak li rrelata dwaru l-espert tal-Qorti.

(iv) Illi s-sejba tat-traċċi illeċiti ma jisgħu qatt jiġu attribwiti lill-appellant u dan għaliex mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma kienux f'pożizzjoni li jidentifikaw u jikkorraboraw minn effettivament kien fiċ-ċella dak il-ħin tas-search u fejn kienet l-allegata sustanza. Apparti l-fatt li teżisti inċertezza illi t-trovata li kien hemm f'ċella numru 1 setgħet kienet l-

istess trovata li kien hemm f'ċella oħra f'Division 13. Jekk kien hemm l-iċken dubju dan kellu jmur favur l-appellant, in dubio pro reo. Illi għaldaqstant l-fatti tal-każ ma jimmirawx f'direzzjoni waħda u għalhekk huwa ċar li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-Liġi.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Man ġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence.** L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta'**

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali <u>**ma teħtieġx**</u> li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont

---

**Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

18. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta'

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

20. Illi huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-

Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

> Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.
>
> Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'
>
> Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.
>
> F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'
>
> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

24. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak

li għandu x’jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx “unsafe and unsatisfactory” fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B’hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta’ dik il-Qorti ma tkunx “unsafe and unsatisfactory”. Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta’ dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. II- IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

27. Illi nhar is-17 ta’ Ġunju 2009, fuq suspett li kellhom l-uffiċjali ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin li kienet iddaħlet id-droga ġewwa l-ħabs, saret tfittxija fiċ-ċellel tad-detenuti. Illi l-Pulizija tal-Għassa ta’ Raħal Ġdid sussegwentement ġew infurmati li minn din it-tfittxija kienet instabet id-droga fiċ-ċella numru 1 f’diviżjoni numru 13 liema ċella kienet okkupata minn l-appellant Sandro MIFSUD li kien qiegħed jiskonta sentenza ta’ priġunerija. Illi skont dak li rraportaw CO 58 Damian Magro u C0 110 John Callus, hekk kif daħlu f’ċella numru 1, Sandro Mifsud deher li kellu l-foil f’idejh u fiċ-ċella sabu wkoll pakkett isfar tal-karti li kien fih sustanza kannella suspettata droga. Instabu wkoll biċċiet tal-foil maħruqin. Illi l-imsemmija uffiċjali ssiġġilaw din is-sustanza u l-oġġetti l-oħra misjuba f'borża li mbagħad ikkonsenjaw lil Maġġur James Abela li kien ordna li ssir din it-tfittxija. Dakinhar kienet instabet id-droga fiċ-ċella ta’ priġunier ieħor ġewwa l-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

28. B’dan il-każ kien ġie infurmat l-Ispettur tal-Għassa Alexander Grech u saret Inkjesta Maġisterjali. Sussegwentement, l-appellant suspettat Sandro MIFSUD kien ġie mitkellem mill-Pulizija u nhar it-12 ta’ Lulju 2009 rrilaxxja stqarrija bil-miktub. Huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali nhar it-3 ta’ Ġunju 2013 mixli b’pussess sempliċi tad-droga erojina filwaqt li kien qiegħed jiskonta sentenza ta’ priġunerija ġewwa l-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant mertu tal-aggravji kollha miġjuba mill-appellant.**

29. Illi l-appellant ġie misjub ħati ta' pussess sempliċi tad-droga erojina. Huwa qiegħed jikkontesta din is-sejbien ta' ħtija għax jisħaq li l-provi f'dan il-każ ma kienux jippruvaw l-akkuża lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. L-appellant isostni li mhux ċar jekk iċ-ċella fejn instabet id-droga kinetx ukoll okkupata minn detenut ieħor. Skontu, meta xehed il-Maġġur James Abela dan ma eskludiex dan il-fatt. Anzi jgħid ukoll li kien ikun hemm movimenti u ċaqliq ta' spiss bejn id-detenuti minn ċella għall-oħra. Iżid li allura ma jistax jingħad b'sikurezza li d-droga li nsabet fiċ-ċella numru 1 f'diviżjoni numru 13 kienet fil-pussess tal-appellant sempliċement għaliex kien hu l-okkupant tal-imsemmija ċella. L-appellant jivventila wkoll li s-sejba ta' t-traċċi lleċiti ma setgħu qatt jiġu attribwiti lill-appellant għaliex ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma kienux f'pożizzjoni li jikkonfermaw minn effettivament kien fiċ-ċella dakinhar tat-tfittxija u fejn kienet tinsab din is-sustanza. Jikkontendi li lanqas ma huwa sikur li d-droga li analizza l-espert forensiku Mario Mifsud kienet effettivament id-droga li allegatament instabet fiċ-ċella tiegħu hekk kif din setgħet tħaltet ukoll mad-droga li nstabet fit-tfittxija oħra li saret dakinhar stess.

30. Illi din il-Qorti minnufih tirrileva li din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha tqis li l-provi tal-Prosekuzzjoni univokatament iwasslu għal deċiżjoni ta' ħtija li torbot lill-appellant u lil ħadd iktar ma' dik is-sejba ta' droga li nstabet fiċ-ċella li huwa kien jokkupa. Jibda biex jingħad li huwa indubitat u lanqas ma jidher ikkontestat, kif iċ-ċella numru 1 f'diviżjoni 13, kienet okkupata minn Sandro MIFSUD dakinhar tas-sejba tad-droga. Hekk f'foljo 99 tax-xhieda tiegħu l-Maġġur James Abela jgħid:

> Avukat: ngħid sew li Sandro Mifsud dak il-ħin ma kienx preżenti fiċ-ċella pero kien hemm priġunier ieħor?
> Xhud: Ma niftakarx jekk kienx preżenti fiċ-ċella **imma ċ-ċella tappartjeni lil Sandro Mifsud.**[9]

[9] Enfasi tal-Qorti.

31. Issa, huwa minnu illi l-Maġġur James Abela fix-xhieda tiegħu ta' nhar it-12 ta' Frar 2016 ma kienx ċert jekk fiċ-ċella mal-appellant kienx hemm okkupant ieħor u lanqas ma kien ċert fejn instabet is-sustanza lleċita, kif inhu daqstant minnu li meta xehed in kontro-eżami nhar it-30 ta' Mejju 2018, huwa qal hekk fuq domanda tal-Avukat Difensur fuq il-preżenza o meno ta' detenuti oħra fiċ-ċella flimkien mal-appellant dakinhar li saret it-tfittxija:

> Avukat: Din is-search partikolari ngħid sew li ċ-ċella okkupata minn Sandro Mifsud dak il-ħin li nstabet l-allegata sustanza kien hemm priġunier ieħor fiċ-ċella.
> Xhud: Ma niftakarx min kien eżatt imma jista' jkun iva għax dik id-division kienet il-bibien taċ-ċelel jibqgħu miftuħin jiġifieri iva jista' jkun li kien hemm nies iktar fiċ-ċella.
> Avukat: ngħid sew li Sandro Mifsud dak il-ħin ma kienx preżenti fiċ-ċella pero kien hemm priġunier ieħor?
> Xhud: Ma niftakarx jekk kienx preżenti fiċ-ċella imma ċ-ċella tappartjeni lil Sandro Mifsud.

32. Dak mistqarr mil-Maġġur irid jittieħed fil-kuntest ta' kif saret it-tfittxija dakinhar tas-17 ta' Ġunju 2009, min ħa sehem fiha, kif ukoll xi rwol kellu kull uffiċjal li ħa sehem f'din it-tfittxija.

33. Matul il-kontro eżami tiegħu, il-Maġġur James Abela ikkonferma, f'paġna 99 tal-proċess li ma kienx hu li għamel it-tfittxija kif ukoll li fil-mument tat-tfittxija huwa ma kienx preżenti. Dan jista' jispjega għaliex il-Maġġur James Abela ma kienx preċiż u ma setax jiftakar dettalji importanti bħal min kien hemm preżenti fiċ-ċella flimkien ma' Sandro MIFSUD fil-mument tat-tfittxija u sejba ġewwa ċ-ċella tiegħu.[10]

34. Lanqas ma tista' x-xhieda tal-Maġġur James Abela titqies bħala l-aqwa prova li l-Prosekuzzjoni setgħet tellgħet sabiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li effettivament dakinhar tas-17 ta' Ġunju 2009 ġewwa ċ-ċella numru 1 f'diviżjoni numru 13, l-okkupant taċ-ċella Sandro MIFSUD inqabad fil-pussess tad-droga erojina.

---

[10] Avukat: Dan hu każ li jmur lura għas-17 ta' Ġunju 2009. L-ewwel net ngħid sew li inti kont inti stess li għamilt din is-search flimkien ma' uffiċjali oħra?
Xhud: Le mhux jien għamilt is-search. Jien ordnajtha.
Avukat: Kont preżenti imma?
Xhud: Le dak il-ħin eżatt ma kontx preżenti imma dakinhar saru diversi searches fl-istess division ġo ċelel diversi.

35. Mill-banda l-oħra xehdu wkoll l-Uffiċjali li kienu involuti f'din it-tfittxija u s-sejba tad-droga. Ix-xhieda tagħhom għandha iżjed piż minn dik tal-Maġġur James Abela f'dan ir-rigward. Kienu fil-fatt dawn l-Uffiċjali li mhux biss eżegwew it-tfittxija iżda wkoll irraportaw lura s-sejba tas-sustanzi illeċiti.

36. F'paġna 39 tax-xhieda tiegħu, CO 58 Damien Magro xehed kif Sandro MIFSUD, li għarfu fl-awla, kien dik il-persuna li kienet instabet minnu u minn CO 110 bilqegħda fuq bank fl-imsemmija ċella bil-foil f'idejh, fejn kien hemm ukoll pakkett isfar u karta safra miftuħin u li fuq dil-karta kien hemm trab kannella suspettat droga. CO 58 ma jsemmi mkien li kien hemm xi priġunier ieħor f'dik iċ-ċella. Huwa kien ċar ukoll meta xehed x'kien instab jagħmel Sandro MIFSUD meta daħlu jagħmlu t-tfittxija. F'paġna 76 tal-atti proċesswali, fil-kontro-eżami, jikkonferma kif fil-mument illi hu u CO 110 daħlu fiċ-ċella u sabu lil Sandro MIFSUD bil-foil f'idejh, l-appellant kien waħdu:

> Avukat: Kien hemm xi ħadd ieħor flimkien miegħu f'dik iċ-ċella jew kien waħdu?
>
> Xhud: Kien waħdu.

37. F'paġna 78, CO 58 Damien Magro ikompli jżid li l-foil li nstabet f'idejn l-appellant **'kienet maħruqa. Kellha sinjali ta' ħruq.'** Dan id-dettall li osserva jorbot ukoll ma' osservazzjoni oħra li xehed dwarha meta stqarr kif fiċ-ċella kien hemm **'pakkett vojt'** oltre għal pakkett ieħor miftuħ. Din kienet evidenza konklussiva u mhux sempliċement indikattiva, ta' konsum ta' droga, u allura l-konsegwenti pussess tagħha.

38. L-appellant jisħaq li x-xiehda tal-Prosekuzzjoni mhix korroborata. Iżda kontra dan, f'paġna 41, CO 110 John Callus jikkonferma dak li xehed CO 58 Damien Magro:

> Xhud: ...morna nagħmlu inspection ġoċ-ċellel u nżilta Division 13, Ċella 1 u malli niftħu ċ-ċella insibu lill-inmate, kellu l-foil f'idu u fuq il-bank kien hemm karta safra..li kien fiha trab kannella suspettuż.

39. Fil-kontro-eżami, f'paġna 81, CO 110 jikkonferma wkoll kif fiċ-ċella instabu żewġ pakketti, wieħed vojt u l-ieħor miftuħ bit-trab fuqu. Dan jaqbel ma dak li kien xehed CO 58 Damien Magro. CO 110 jikkonferma wkoll bħal CO 58, li meta saret it-tfittxija – u allura meta l-appellant instab bil-foil maħruq f'idejh – ma kien hemm ħadd iktar miegħu fiċ-ċella:

Avukat: U kien waħdu fiċ-ċella jew kien qed jokkupa ċ-ċella ma xi ħaddieħor?
Xhud: Kien waħdu.

40. Fuq dawn id-deposizzjonijiet, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li dakinhar li saret tfittxija minn CO 58 u CO 110, l-appellant instab li kien waħdu, fiċ-ċella minnu okkupata, b'biċċa foil maħruqa f'idejh,[11] kif ukoll li f'din iċ-ċella nstabet ukoll kwantita' ta' droga eroina f'pakkett miftuħ[12] - u pakkett ieħor vojt.

41. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'hekk setgħet legalment u raġonevolment tqis li ġew pruvati l-elementi tar-reat ta' pussess ta' droga peress li l-appellant li kellu kontroll fiżiku tas-sustanza lleċita li nstabet fiċ-ċella okkupata minnu. Inoltre, ma jirriżultax, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-appellant ma kellux ix-xjenza li dik is-sustanza li kienet taħt il-kontroll tiegħu kienet droga eroina. Għalhekk irriżultawlha kemm l-element tal-kontroll effettiv fuq id-droga eroina kif ukoll l-element tal-intenzjoni li jirritjeni dak il-kontroll fuq l-eroina in kwistjoni.

42. F'dan ir-rigward, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Borg** deċiż nhar it-23 ta' Ġunju 1997 ġie ritenut li:

> Il-preżenza ta' oġġett f'post (dar, karozza, kamra ecc) li fuqu persuna għandha **xi forma ta' kontroll** tista', taħt ċerti ċirkostanzi, tammonta għall-pussess ta' dak l-oġġett; u jekk dak l-oġġett jirriżulta bħala fatt li hu droga taħt il-Kapitolo 101, allura l-liġi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bażi ta' probabbilita', li l-pussessur kien jaf li dak l-oġġett kienet droga.

43. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis u Suzette Farrugia** deċiż nhar l-20 ta' Marzu 2019, fir-rigward tal-elementi li jridu jiġu ppruvati sabiex jitqies integrat ir-reat ta' pussess illegali ta' droga intqal:

> Illi l-appellanti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-qrati inglizi fl-ismijiet Warner v Metropolitan Police Commissioner fejn inghad:
>
> 'Ideally, a possessor of a thing has complete physical control over it, he has knowledge of its existence, its situation and its qualities: he has received it from a person who intends to confer possession of it and he has himself the intention to possess it exclusively of others. But these elements are seldom all present in situation with which the court have to deal, and where one or more of them is

[11] Irrispettivament mill-kwantita' ta' foil li nstabet f'idejh jekk hux biċċa jew iktar minn biċċa waħda..
[12] Sussegwentement analizzata mill-espert forensiku Mario Mifsud.

lacking, or incompletely present, it has to be decided whether the given approximation is such that possession may be held sufficiently established to satisfy the relevant rule of law. As it is put by Pollock and Wright, possession: is defined by modes of events in which it commences or ceases and by legal incidents attached to it' (Lord Wilberforce).

Tkompli billi jigi iccitat id-dictum moghti minn Lord Guest:

'Possession, the visible possibility of exercising physical control over a thing, coupled with the intention of doing so, either against all the world, or against all the world exception of doing so, either against all the world, or against all the world except certain persons. There are therefore, three requisites of possession. **First, there must be actual or potential physical control, secondly physical control is not possession, unless accompanied by intention, hence, if a thing is put into a hand of a sleeping person, he had not possession of it. Thirdly, the possibility and intention must be visible or evidenced by external signs, for if the thing shows no signs of being under the control of anyone, it is not possessed'.**[13]

44. F'dan il-każ lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) irriżultalha li d-droga eroina instabet fiċ-ċella tal-appellant, f'ċirkostanzi li juru li huwa kien waħdu u fil-mument tas-sejba tad-droga huwa waħdu kellu l-kontroll effettiv u fiżiku tagħha b'mod li deher lill-Uffiċjali li sabuh li kien qiegħed jagħmel użu minn din id-droga.

45. L-appellant jargumenta li hemm dubju dwar kemm dawk il-0.02 grammi li għadda l-Maġġur James Abela lill-espert forensiku kienu effettivament jikkonsistu fid-droga li nstabet fiċ-ċella okkupata mill-appellant. Iżda minn qari tal-Proċess Verbal li sar b'rabta mas-sejba tad-droga fil-kawża in diżamina, u dak il-Proċess Verbal li sar b'rabta mas-sejba l-oħra tad-droga li saret fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fl-istess ġurnata fiċ-ċella tad-detenut Alexander Whiteford, tirriżulta distinzjoni ċara bejn sejba u oħra. Din il-Qorti hija sodisfatta li mhemmx dubju dwar il-konservazzjoni u attendibilita tal-evidenza.

46. Għalkemm fis-17 ta' Ġunju 2009 saret tfittxija f'iktar minn ċella waħda, kif xehdu CO 58 u CO 110 is-sejba tas-sustanza eroina fiċ-ċella numru 1, f'Diviżjoni 13 kienet ġiet fil-pront issiġillata u mgħoddija lill-Maġġur James Abela. Dan il-fatt huwa ikkonfermat ukoll mir-relazzjoni tal-espert forensiku Mario Mifsud[14] fejn hemm imniżżel kif l-envelopp ta' lewn kannella li għaddihielu l-Ispettur Alexander Grech – li qabel kien irċieva l-kontenut mingħand il-Maġġur James Abela – kien fih deskrizzjoni li tindika l-isem 'Sandro Mifsud, cell1, Div, 13, Time 8.45pm, CO 110 John Callus, 0410163 ''M'', CO 58 Damien Magro, 54779 ''M''.

---

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.
[14] Foljo 3 tal-proċess verbal li ġie mħejji b'rabta ma' dan il-każ.

47. Fix-xiehda ta’ CO 58 f’paġna 75 huwa jispjega li kien involut biss f’din it-tfittxija u mhux f’oħrajn li saru dakinhar.[15] Huwa jikkonferma wkoll kif kien CO 110 John Callus li issiġilla l-kontenut tal-borża u għaddieha lil Maġġur James Abela fil-preżenza (kontinwa) tiegħu. Dan il-fatt jikkonfermah ukoll CO110 meta f’paġna 82 tax-xhieda tiegħu jixhed kif wara li ssiġilla s-sejba li saret ġewwa ċ-ċella ta’ Sandro Mifsud, huwa għadda kollox lil Maġġur James Abela u jgħid ukoll kif hu kien involut biss f’din it-tfittxija u fl-ebda investigazzjoni oħra li saret dakinhar stess ġewwa l-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

48. Mill-banda l-oħra, is-sejba li saret fiċ-ċella okkupata minn Alexander Whiteford, saret minn CO 133 u CO 85, żewġ Uffiċjali li ma kienux involuti wkoll fis-sejba li saret ġewwa ċ-ċella okkupata mill-appellant. Anki l-kontenut tal-envelope li għadda għand l-espert forensiku kien differenti kif ukoll il-kwantita’ ta’ sustanza illeċita misjuba. Is-sejba li saret fiċ-ċella ta’ Whiteford kienet iddokumentata b’deskrizzjoni fuq l-envelope ta’ lewn kannella li ġie mgħoddi lill-espert forensiku, ‘Alexander Whiteford, 3/E/1505/2009’.

49. Ġie pruvat soddisfaċentement li d-droga li analizza l-espert forensiku Mario Mifsud fil-kwantita’ ta’ 0.02 grammi kienet dik li nstabet fil-pussess tal-appellant Sandro MIFSUD dakinhar tas-17 ta’ Ġunju 2009.

50. In bażi għal dawn il-provi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet b’rabta mal-piena nflitta.**

51. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f’materja ta’ appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita’ li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t’Awissu 2005:

[15] Foljo 76 tal-atti proċesswali.

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."

Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

48. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-

piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati.

49. U mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala
> regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax
> li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

50. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il- ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

51. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija waħda li taqa' fil-parametri preskritti mil-Liġi bl-applikazzjoni tal-Artikoli 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meħuda flimkien ma' dak li jippreskrivi l-Artikolu 31 u 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iż-żieda fil-piena li trid tingħata bilfors minħabba fl-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali lanqas ma saret fil-massimu ta' żewġ gradi.

52. Jidher ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħadet nota wkoll tal-progress li għamel l-appellant fil-mixja tiegħu li jifdi lilu nnifsu mill-vizzju tad-droga u qieset ukoll il-fattur tat-trapass taż-żmien meta imponiet il-piena ta' sitt xhur priġunerija.

53. F'dan il-każ pero ebda Qorti ma tista tagħti piena li ma tkunx dik ta' priġunerija. Minħabba li f'dan il-każ, ir-reat sar fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali – peress li r-reat sar fil-konfini tal-Ħabs, il-piena li tiġi mogħtija bilfors trid tkun waħda ta' Ħabs u ebda Qorti ma għandha alternattiva għal dan. Il-Liġi kif inhi miktuba tgħid li l-piena ma tistax tkun waħda alternattiva għall-priġunerija bħal dik tal-probation taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; u lanqas ma tista' tkun waħda ta' priġunerija sospiża ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. L-anqas ma hija possibbli għal Qorti li tagħti piena taħt il-minimumfit-termini tal-Artikolu 21 tal-imsemmi Kodiċi. Anzi dan l-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali huwa tant aħrax li jobbliga lil Qorti biex bilfors iżżid il-piena bi grad. B'dan l-Artikolu huwa ċar li l-Parlament ried jikkastiga lil min jagħmel reat kriminali – anke jekk ikun wieħed żgħir – bil-piena tal-ħabs effettiv u b'ebda piena oħra u dan minħabba li jqis li reat magħmul fil-Ħabs għandu jitqies li huwa iżjed serju minn reati oħra magħmula barra mill-Ħabs – anke jekk oġġettivament dak ir-reat ikun fin-natura tiegħu reat minuri jew mhux ta' gravita kbira, jew saħansitra fejn barra mill-konfini tal-Ħabs setgħa ma kienx jitqies daqstant gravi jew saħansitra fejn barra l-Ħabs ma kienux jittieħdu proċeduri l-Qorti iżda l-iżjed kienu jittieħdu proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja fis-sens tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

54. Dan allura jfisser li persuna bħall-appellant li xi darba nstab qiegħed jabbuża minn 0.02grammi eroina waqt li kien fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, fi żmien fejn kien evidentement ivvizjat bl-abbuż tad-droga, ma jistax jikkwalifika taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta biex din il-Qorti tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga u dan peress li l-artikolu 13(b) tal-istess Liġi ma jippermettix lil din il-Qorti li tapplika dik il-Liġi għal dawk il-każijiet; kif ukoll minħabba li r-reat tal-użu tad-droga sar fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, u allura jiġi li r-reat sar fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, din il-Qorti trid, bilfors tapplika l-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali li bis-saħħa tiegħu, kif ingħad, la tista' tagħti sentenza sospiża, la tista' tagħti probation, trid bilfors iżżid il-piena applikabbli bi grad jew tnejn u ma tistax timponi piena li tinżel taħt il-minimum minħabba raġunijiet speċjali u

eċċezzjonali.  Fi ftit kliem il-Liġi torbot idejn il-Qorti kompletament u l-Qorti ma jifdlilhiex alternattiva ħlief li bilfors timponi piena ta' priġunerija effettiva.

55. Kif ġie spjegat il-fuq, il-Qorti ma għandha ebda diskrezzjoni l-anqas għal min bħall-MIFSUD li skont kif jidher mir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation, għamel ħiltu biex jinqata' mill-ħajja ta' vizzju u jitbiegħed mill-kriminalita' u anki qiegħed jitħarreġ sabiex isib impjieg. Dan ikun ifisser li minkejja li sar tibdil pożittiv fil-ħajja tal-appellant matul is-snin għaliex del resto hawnhekk si tratta ta' proċeduri li ilhom li bdew iktar minn tlettax-il sena ilu u l-kwantita' ta' droga misjuba fil-pussess tal-appellant kienet waħda żgħira ħafna, din il-Qorti xorta waħda hija marbuta li tagħti piena ta' priġunerija.

56. L-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi l-piena segwenti:

> għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta'mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjedminn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqasminn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa utmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minnelfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro usebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien,

57. Il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet il-piena ta' sitt xhur priġunerija.  Dik il-Qorti waslet għal dik il-piena billi qabdet l-inqas piena ta' priġunerija li tista' tingħata, iġifieri dik ta' tliet xhur priġunerija, u żieditha bi grad wieħed minħabba li kienet obligata tagħmel dan bis-saħħa tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.  Dan jirriżulta minħabba l-fatt li ż-żieda bi grad tal-piena ta' tliet xhur priġunerija skont l-artikolu 31(1)(b)(xv) issir piena ta' sitt xhur priġunerija skont l-artikolu 31(1)(b)(xiv).  Dan allura l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tatu l-inqas piena ta' ħabs li setgħet skont l-artikolu li jippreskrivi l-piena għal dan ir-reat – l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u żieditu bi grad wieħed biss u mhux b'żewġ gradi.

58. Iżda fl-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta il-Liġi tagħti wkoll l-alternattiva li tista timponi l-piena ta' multa minflok il-piena tal-priġunerija.  Mela f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tapplika wkoll il-piena tal-multa. Issa f'dan il-każ peress li l-Qorti trid bilfors tapplika tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet tapplika l-piena tal-multa, iżda meta din tiġi miżjuda bi grad – għax bilfors trid tiżdied minn tal-inqas bi grad, bis-saħħa tal-artikolu 31(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali it-tlugħ mill-piena

tal-multa jsir għall-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, u l-inżul isir għall-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet. B'hekk allura dan ikun ifisser li f'każ bħal dan, il-minimu tal-piena li setgħet tiġi mogħtija kienet dik tal-piena ta' priġunerija għal tliet xhur. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti tqis li għalkemm m'għandhiex alternattiva għal li timponi piena karċerarja effettiva, mill-banda l-oħra dan huwa każ li jimmerita li tingħata l-piena tal-priġunerija fil-minimum possibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ, li allura jirriżulta li huwa tliet xhur priġunerija.

# DECIDE

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien tal-ħtija fl-appellant għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għall-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tirriformaha f'dik il-parti konċernanti l-piena fejn allura tħassar il-piena ta' sitt xhur priġunerija li kienu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u timponi l-piena ta' tliet xhur priġunerija minflok.**

**Salv għal dak mibdul b'din is-sentena, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**